

## Prioritajiet tal-gruppi fil-PE: Il-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej

**Il-grupp ċentru-lemini tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej (ECR) huwa s-sitt l-akbar forza politika fil-PE attwali.**

Fl-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju, madwar 200 miljun Ewropew eleġġew MPE biex jirrappreżentawhom fil-Parlament Ewropew il-ġidid tul il-ħames snin li ġejjin. Dawk il-MPE huma organizzati f'seba' gruppi bbażati fuq l-affinità politika tagħhom. Skopri aktar dwar il-prioritajiet ta' kull grupp fis-sensiela ta' filmati tagħna.



▶ **Fimat**  
[https://multimedia.europarl.europa.eu/en/parliamentary-groups-european-conservatives-and-reformists\\_N01-PUB-190724-ECRG\\_ev](https://multimedia.europarl.europa.eu/en/parliamentary-groups-european-conservatives-and-reformists_N01-PUB-190724-ECRG_ev)

Il-grupp konservattiv **ECR** twaqqaf fl-2009. Huwa għandu 62 siġġu fil-Parlament Ewropew, u b'hekk huwa s-sitt l-akbar grupp fost is-seba' gruppi politiċi fil-leġiżlatura attwali. Il-grupp iħaddan membri minn 15-il pajjiż tal-UE.

Il-grupp għandu żewġ kopresidenti: **Ryszard Legutko**, MPE Pollakk li ilu kopresident mill-2017 u li fl-2019 ġie elett għat-tielet mandat, u **Raffaele Fitto**, Taljan, li ġie elett kopresident f'Għunju. Fitto kien MPE bejn l-1999 u l-2000 u reġa' beda jservi fl-2014. Il-grupp għandu sitt viċi presidenti.

Il-grupp ECR jemmen li l-Ewropa teħtieġ bidla lejn id-deċentralizzazzjoni u inqas burokrazija. Huma jridu wkoll jippromwovu l-kummerċ liberu u ġust u l-irpiljar ekonomiku, it-tkabbir u l-kompetiività kif ukoll riforma tas-sistema ta' migrazzjoni tal-UE

Tnejn mill-20 [president](#) tal-Kumitati parlamentari huma membri tal-ECR.

## Għal aktar informazzjoni

[Il-grupp ECR fuq twitter](#)

[Il-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew](#)

[Riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej skont il-grupp politiku](#)

[Il-MPE skont l-Istat Membru u l-grupp politiku](#)